## 20 ta' Ottubru, 1995

## Imħallef:-

## Onor. Frank G. Camilleri LL.D.

Martin Degabriele

*versus*

Joseph Mercieca

## Ċitazzjoni - Kontumaċja

*Il-konvenut, wara li twilditlu tarbija, fl-entużjażmu li kellu u anke minħabba li kien imħabbat bl-affarijiet konnessi mat-twelid tagħha, baqa' ma għaddiex iċ-ċitazzjoni lill-avukat tiegħu u b'hekk huwa baqa' kontumaċi.*

*Huwa ppreżenta rikors li permezz tiegħu talab lill-Qorti tagħtih permess li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu u b'hekk ikun jista' jikkontesta l-kawża.*

*Fil-fehma tal-Qorti n-notifika taċ-ċitazzjoni f'data daqshekk viċina (jumejn wara) t-twelid tat-tarbija ma setgħetx tkun aktar inopportuna għall-konvenut.*

*Dawn iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu dak l-impediment leġittimu ta' natura morali li jammonta għal kawża ġusta għall-purgazzjoni tal-kontumaċja.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremetta:

Li, fuq inkariku tal-konvenut, huwa esegwixxa bil-vetturi tiegħu diversi ordnijiet ta' trasport fid-dati indikati mill-istess konvenut, kif jidher aħjar mill-prospett anness Dok. A;

Li, kif jirriżulta mill-prospett esebit (Dok. A), il-konvenut jinsab debitur tiegħu fis-somma ta' tliet mija u sebgħin lira maltija u tnax-il ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm370.12,5), prezz tax-xogħol ta' trasport fuq imsemmi;

Li, għalkemm interpellat diversi drabi għall-ħlas u dan anke permezz ta' ittra uffiċjali ddatata 6 ta' Mejju, 1994 il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li l-konvenut jgħid għaliex:

M'għandhiex din il-Qorti tikkundannah iħallsu s-somma ta' tliet mija u sebgħin lira maltija, tnax-il ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm370.12,5) prezz tax-xogħol ta' trasport esegwit minnu fuq inkarigu tal-konvenut, kif fuq imsemmi u aħjar spjegat fid-dokument A esebit;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju, 1994 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali mit-30 ta' Diċembru, 1992 sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat li l-konvenut debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni baqa' kontumaċi u ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-konvenut ippreżentat fit-2 ta' Novembru, 1994 li permezz tiegħu talab li l-Qorti tagħtih permess li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu u b'hekk ikun jista' jikkontesta l-kawża;

Semgħet bil-ġurament lill-konvenut;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 1995 fejn jirriżulta li l-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċiżjoni dwar ir-rikors tal-konvenut kontumaċi;

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut xehed li, wara li twilditlu tarbija fil-25 ta' Settembru, 1994 fl-entużjamu li kellu u anke minħabba li kien imħabbat bl-affarijiet konnessi mat-twelid tagħha, baqa' ma għaddiex iċ-ċitazzjoni lill-avukat tiegħu u b'hekk huwa baqa' kontumaċi. Huwa żied jgħid li, għalkemm dan it-twelid kien wieħed normali u bla komplikazzjonijet pero` huwa kellu jagħti daqqa t'id id-dar u sfuġġielu għal kollox li kellu jagħti ċ-ċitazzjoni lill-avukat tiegħu u ħallieha fl-istudju tiegħu;

Jirriżulta li l-konvenut kien ġie nnotifikat fit-23 ta' Settembru, 1994 u li l-kawża kienet ġiet appuntata għall-ewwel trattazzjoni, għat-30 ta' Jannar, 1995;

It-terminu ta' għoxrin (20) ġurnata spiċċa fit-13 ta' Ottubru, 1994 u t-tarbija Francesca twieldet fil-25 ta' Settembru, 1994. Dakinhar ta' l-ewwel appuntament tal-kawża, fit-30 ta' Jannar, 1995,

il-konvenut attenda l-Qorti u kien preżenti fl-awla meta ġiet imsejħa l-kawża;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ħasbet ħafna fuq dan il-każ u l-konklużjoni li waslet għaliha hi li l-kontumaċja tal-konvenut ma kinitx waħda kolpuża u għalhekk tista' tkun ġustifikata;

Każ, f'ħafna aspetti analogu għal dak in eżami, kien ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-kawża **Joseph Vella *pro et noe vs* John Vella** fil-21 ta' Mejju, 1993;

Fl-imsemmija kawża, il-konvenut kien baqa' kontumaċi wkoll u r-raġuni minnu avvanzata għall-kontumaċja tiegħu kienet li f'nofs it-terminu ta' għoxrin ġurnata li fih huwa kellu jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet kellu tifel li kien rikoverat l-isptar mit-8 ta' Diċembru sat-22 ta' Diċembru - jiġifieri oltre id-19 ta' Diċembru, 1991 meta għalaq l-imsemmi terminu ta' għoxrin ġurnata - billi dan issubixxa żewġ operazzjonijiet minħabba ksur li kien ta' natura kkomplikata;

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell esprimiet il-fehma li l-konvenut "…. kien skombussolat biżżejjed biex ma jkunx attent kif imiss biex jagħti każ iċ-ċitazzjoni li kien irċeva fid-29 ta' Novembru" u kompliet tgħid, li "dawn iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu dak l-impediment leġittimu ta' natura morali li tikkostitwixxi kawża ġusta għall-purgazzjoni tal-kontumaċja";

L-istess Onorabbli Qorti kkumentat ukoll li l-animu tal-konvenut u n-nuqqas ta' disprezz u kontumelja għas-sejħa tal-Qorti

kienu jidhru wkoll mill-fatt illi qabel l-ewwel appuntament tal-kawża, l-konvenut ippreżenta rikors biex jitlob il-purgazzjoni tal-*kontumaċja tiegħu u puntwalment kien preżenti fid-data ta' dak l-*appuntament - osservazzjoni din li tapplika wkoll għall-konvenut f'din il-kawża;

M'hemmx dubbju li t-twelid ta' tarbija huwa avveniment tant importanti u assorbenti li ma jħalli l-ebda ħin lill-konvenut missier biex jagħti każ kif imiss ta' l-affarijiet li jkunu qegħdin jistennew l-attenzjoni tiegħu u, fil-fehma tal-Qorti, kien proprju dan li ġara lill-konvenut meta huwa naqas li jgħaddi ċ-ċitazzjoni lill-avukat tiegħu;

Fil-każ ċitat, ir-raġuni miġjuba mill-konvenut għall-*kontumaċja tiegħu ġrat, kif intqal, f'nofs it-terminu ta'* għoxrin ġurnata li fih huwa kellu jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet li trid il-liġi; mentri, fil-każ odjern, l-avveniment li "skombussola" tant lill-konvenut ġara jumejn wara li kien ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni fit-23 ta' Settembru, 1994;

Fil-fehma tal-Qorti, in-notifika taċ-ċitazzjoni f'data daqshekk viċina għat-twelid tat-tarbija ma setgħetx tkun aktar inopportuna għall-konvenut. Kieku l-konvenut ġie nnotifikat f'data aktar imbiegħda mid-data tat-twelid wieħed jista' jażżarda jgħid li ma kienx jibqa' kontumaċi;

Għalhekk, dawn iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu dak l-impediment leġittimu ta' natura morali li jammonta għal kawża ġusta għall-purgazzjoni tal-kontumaċja;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-konvenut u tipprefiġġilu t-terminu ta' sebat ijiem utili biex jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet, li jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident huma a karigu tal-konvenut.